MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Numru. 306/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**vs**

**Kenneth Micallef**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Kenneth Micallef ta' 23 sena, bin Joseph u Rita nee` Farrugia, imwieled Pieta` nhar is-6 ta' April 1987, residenti 'Little Cottage', Il-Kuncizzjoni, Rabat, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 177787(M)

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-13 ta' Settembru 2010 gewwa l-Kuncizzjoni l/o Rabat, kif ukoll f'dawn l-

ahhar hames xhur, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

a) Ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (LSD) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali tal-1985 kif emendati;

d) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) U aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. A. J. Vella nhar il-21 ta' Jannar 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif presjeduta, milli terga' tisma l-provi mressqa fil-kawza quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, il-prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri ossia fl-ewwel seduta li nzammet fl-20 ta' Gunju 2012, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena, waqt liema trattazzjoni l-partijiet ssuggerew lill- Qorti sabiex tikkunsidra piena ta' sentejn prigunerija effettiva u l-multa li hija tassattiva,

flimkien mal-ispejjez peritali. Rat ukoll illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ddikjarat illi ma kinitx qeghda tintrabat ma' dan is-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat li, kif inghad izjed il'fuq, giet registrata fl-ewwel seduta. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-imputat mill-ewwel ikkopera mal-pulizija u d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni fis-sens illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward, mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg, jirrizulta illi l-imputat ghen lill-pulizija sabiex jinqabdu terzi persuni nvoluti fid-droga, li sa dakinhar ma kinux noti mal-pulizija. Din l-assistenza da parti tal-imputat waslet sabiex dawn il-persuni jitressqu quddiem il-Qorti.[1] Stante li ghalhekk jidher li l-imputat ghen b'mod effettiv lill-pulizija fl-investigazzjonijiet ulterjuri taghhom, fil-fehma tal-Qorti, l-istess imputat ghandu jibbenefika minn diminuzzjoni fil-piena ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 bi tnaqqis ta' zewg gradi mill-piena applikabbli dwar prigunerija u b'nofs dwar piena pekunjarja.

Min-naha l-ohra, il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-imputat ikkoltiva disa' pjanti *Cannabis* li fil-fehma taghha, huwa ammont pjuttost sostanzjali. Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Jesmond J. Borg qal illi l-imputat kellu disa' pjanti – "*kien hemm sizes differenti u l-ikbar wahda kienet hafna itwal minni*".[2] Minn dawn il-pjanti, l-imputat seta' johrog kwantita` sostanzjali ta' droga, tant illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Borg, l-imputat kien qallu li huwa kien

[1] Seduta tal-25 ta' Gunju 2012, a fol. 11 u 14 tal-process.
[2] A fol. 10 tal-process.

kabbar dan l-ammont ta' pjanti f'daqqa, ghaliex fix-xitwa kien isibha izjed difficli biex ikabbar[3]. Ghalhekk b'dawn il-pjanti, l-imputat kien ser jinqeda mhux ghal xahar jew tnejn, izda ghal tul ta' zmien. Mill-istqarrija tal-istess imputat, fil-fatt, jirrizulta illi l-istess imputat stqarr illi "*Matul ix-xhur tax-Xitwa, ma ghandekx cans li tkabbar u ghalhekk, zrajt bizzejjed biex ikolli ghal sena jew sentejn.*"[4] In oltre mill-konkluzjonijiet tax-xjenzat Godwin Sammut, nominat bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Claire Stafrace Zammit fil-kors tal-inkjesta, liema nomina giet ikkonfermata minn din il-Qorti fis-seduta tad-9 ta' April 2013, jirrizulta illi l-pjanti li nstabu kellhom piz nett totali ta' 459 grammi u dan minghajr gheruq u zkuk[5]. Dan il-piz jirreferi biss ghall-weraq niexef tal-pjanti.[6] Mill-istess relazzjoni, jirrizulta wkoll illi l-weraq li nstab fil-pussess tal-imputat, li fih instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, kellu piz totali ta' 5.88 grammi.[7]

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali aggornata tal-imputat li tikkonsisti fil-maggor parti taghha f'kundanni relatati ma' reati li jinvolvu l-kacca. Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat huwa recidiv.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat l-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda tapplika nofs tal-piena fir-rigward tal-imputazzjoni (b). Il-Qorti applikat ukoll l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a), (b), (c) u (d).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(c), 8(d), 22(1B), 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, ir-

[3] A fol. 12 tal-process.
[4] A fol. 17 tal-process.
[5] A fol. 36 tal-process.
[6] A fol. 34 tal-process.
[7] A fol. 36 tal-process.

Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b) u (f), 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha (imputazzjonijiet a, b, c, d u e) migjuba fil-konfront tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' tliet (3) snin prigunerija effettiva u multa ta' elf, tminn mija, hamsa u sebghin Euro (€1,875) li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta'mitejn u hamsin Euro (€250). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux izjed tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-*proces verbal* tal-inkjesta a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------